L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali* *Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XIV

10 ta' Novembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 111/ 2011**

**KONSULTAZZJONI MAL-KUNSILLI LOKALI RIGWARD '*NOISE POLLUTION*'**

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari Għat-Turiżmu Kultura u Ambjent qiegħed iniedi proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali f'dak li għandu x'jaqsam ma 'Tniġġis mill-Ħsejjes *(Noise Pollution)'* sabiex tiġi evalwata is-sitwazzjoni preżenti u jiġi identifikat dak li jrid isir f'dan il-qasam.

L-istorbju ġie identifikat bħala xi ħaġa li l-aktar toħloq tħassib fost il-pubbliku u li għandha tiġi indirizzata bħala parti mill-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent. L-eżerċizzju attwali ta 'konsultazzjoni qed isir sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni preżenti f'dan ir-rigward. B'hekk ikunu jistgħu jiġu irregolati l-forom kollha ta' tniġġiż mill-istorbju, li jinkludu, *neigbourhood noise,* ħsejjes minn attivitajiet industrijali u ta' kostruzzjoni, it-trasport, l-istorbju minn postijiet ta' divertiment, eċċ.

Din l-evalwazzjoni tkopri kemm l-aspett legali u kemm dak amministrattiv (istituzzjonali), inkluża l-kapaċità tal-partijiet kollha involuti sabiex jittrattaw din il-kwistjoni. Il-Kunsilli Lokali, li spiss huma fuq quddiemnett fejn għandu x'jaqsam ma ilmenti mill-pubbliku, relatati ma l-istorbju li jsiru mill-pubbliku huma meqjusa bħala imsieħba importanti ħafna f'dan l-eżerċizzju

Għaldaqstant intom ġentilment mitluba twieġbu sensiela ta' domandi li qiegħdin isirulkom fit-tabella mehmuża. L-informazzjoni tagħkom għandha tasal lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali f'format ***word,*** għall-attenzjoni tas Sur. Antoine Zammit fuq email: antoine.a.zammit@gov.mt. Żmien twieġbu qiegħdin tingħataw sa **nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru f'nofsinhar.** Għal aktar informazzjoni u assisentenza tistgħu tikkuntattjaw lis-Sur. Zammit bit-telefon nru. 2200 2382

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Vici President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)k

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390